PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11033 — ADOBE/FIGMA)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 243/06)

1. Fit-30 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Adobe Inc. ("Adobe", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Figma, Inc. ("Figma", l-Istati Uniti tal-Amerka).

Adobe takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani tat-totalità ta' Figma.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

Il-konċentrazzjoni ġiet riferuta lill-Kummissjoni mill-Awstrija skont l-Artikolu 22(3) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Sussegwentement, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Iżlanda, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, in-Norveġja u l-Iżvezja ngħaqdu mar-riferiment.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Adobe: kumpanija globali tas-software li toffri, fost l-oħrajn, software ta' disinn kreattiv u għodda interattiva għad-disinn tal-prodott, jiġifieri, Adobe XD,

— Figma: fornitur ta' għodda kollaborattiva bbażata fuq l-internet għad-disinn interattiv tal-prodott, Figma Design, kif ukoll għodda ta' whiteboarding, FigJam.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11033 — ADOBE / FIGMA

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Indirizz opstali:

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni

Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet

1049 Bruxelles/Brussel

BELGIQUE/BELGIË